MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tas-26 ta' Marzu, 2009

Appell Kriminali Numru. 14/2009

**Il-Pulizija**
**Vs**
**Alexandra Mifsud**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellanti quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli fl-10 ta' Settembru, 2008, bejn it-3.30 p.m. u l-5.30 p.m., u fil-11 ta' Settembru, 2008 bejn id-9.00 a.m. u l-12.00 p.m. gewwa l-Agenzija Appogg, Pieta, meta hekk ordnata mill-Qorti tal-Familja b'digriet numru 90/08 NC, datat 5 ta' Settembru, 2008 mill-Onor. Imhallef Dr. Noel Cuschieri LL.D sabiex tiehu lit-tifel Lucas u taghti access lil missieru, rrifjutat li taghmel dan minghajr raguni xierqa.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-12 ta' Jannar, 2009, li biha, wara li rat l-artikolu 338(II) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta'

Malta, sabet lill-appellanti hatja w ikkundannatha ghal gimgha detenzjoni.

Rat ir-rikors tal-appellanti minnha pprezentat fit-22 ta' Jannar, 2009, li bih talbet li din il-Qorti joghgobha tilqa' dan l-appell u tannulla, tirrevoka w thassar is-sentenza appellate w tillibera lill-appellanti minn kull htija w piena skond il-Ligi.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellanti esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellanti , fil-qosor, huma s-segwenti, w cioe' :- l. li preliminarjament is-sentenza appellata hija nulla ghaliex kif jirrizulta mill-komparixxi li kopja taghha giet annessa mar-rikors tal-appell, is-sentenza taqra biss *"gimgha detenzjoni*" u, mitluba tipprovdi kopja sad-19 ta' Jannar, 2009, il-Qorti tal-Familja pprovdiet biss fotokopja ta' l-imputazzjoni b' zewg kelmiet miktubin mill-Magistrat *di proprio pugno: "Gimgha detenzjoni"*. Fuq din il-kopja la hemm l-artikoli tal-ligi li abbazi taghhom instabet hatja w lanqas hemm dikjarazzjoni li l-Qorti kienet qed issib lill-appellanti hatja. Inoltre, l-isem tal-Qorti mhux *"Qorti tal-Familja"* imma "Qorti tal-Magistrati (Malta). Is-sentenza ghandha tigi gudikata jekk hix nulla jew le fil-forma taghha *a tempo vergine.* Altriment jista' jigri li sentenza tbiddel il-forma taghha u jekk jigri hekk in-nullitajiet jibdew jigru *a piacere*. 2. Li l-appellanti ma kienetx giet notifikata bir-rikors li gie iddegretat fil-5 ta' Settembru, 2008, kif jirrizulta mir-riferta esebita minnha stess. Dan inghata lil persuna mhux maghrufa lill-appellanti w qatt ma waslilha. Dan id-digriet varja l-access precedenti w dad-digriet kien ittiehed bi vjolazzjoni tal-principju ta' *audi alteram partem*. 3. Illi l-appellanti lanqas giet notifikata bid-Digriet tal-5 ta' Settembru, 2008, kif jirrizulta mix-xiehda tal-appellanti. Kienet giet notifikata bih biss wara u fid-dati tal-10 u 11 ta' Settembru, 2008, zgur li ma kienetx taf bih. Ghalhekk ma setghetx tobdi digriet tal-Qorti li ma kienetx taf bih. Il-prosekuzzjoni naqset li ggib il-prova tan-notifika tad-Digriet tal-5 ta' Settembru, 2008. 4. bla pregudizzju, l-

piena inflitta ta' gimgha detenzjoni hija eccessiva fuq l-ewwel imputazzjoni ta' din ix-xorta. Hi *first offender* u ghandha tifel ta erba snin u nofs, li jekk f' dak iz-zmien jintbaghat ma missieru, dan jista' anki jiehdu mieghu il-Germanja.

Semghet ix-xhieda fl-udjenza tat-12 ta' Marzu, 2009 .

Semghet it-trattazzjoni;

Ikkonsidrat;

Illi l-ewwel aggravju tal-appellanti jirrigwarda n-nullita' tas-sentenza ghaliex ma humiex indikati l-artikoli tal-ligi li tahthom instabet htija, la hemm dikjarazzjoni li l-Qorti kienet qed issib jew kienet qed tiddikjara lill-appellanti hatja u l-Qorti hi l-Qorti tal-Magistrati (Malta) w mhux il-Qorti tal-Familja.

Illi dwar dan l-aggravju tan-nullita' tas-sentenza, din il-Qorti tosserva li fuq il-komparixxi originali li fuqha nkitbet is-sentenza waqt li qed tinqara, (fol. 1) hemm *in capo* max-xellug l-artikoli 338 (ll) u 18 tal-Kap.9 li taghhom l-appellanti nstabet hatja. Umbaghad hemm timbru *in calce* li jghid testwalment :-

*"Il-Qorti,*
*Rat l-imputazzjonijiet* (Sic!)
*Rat id-dokumenti;*
*Semghet il-provi;*
*Rat l-artikoli indikati*
*Gimgha detenzjoni."*

U, taht dat-timbru hemm firma, prezumibbilment tal-Magistrat Dr. A. Vella, w data bl-istess linka blu.

Fil-process umbaghad hemm ukoll is-sentenza traskritta li ukoll iggib il-firma tal-Magistrat Dr. A. Vella. F' din is-sentenza a fol. 24 u 25 tal-process hemm it-test segwenti :-

*"Illi mill-provi prodotti il-Qorti tinsab sodisfatta li l-imputazzjonijiet jirrizultaw ippruvati mill-Prosekuzzjoni. Fid-dati indikati , l-imputata naqset minn li tghati access ta' binha Lucas lil missier it-tifel , Klaus Zinzer, u ma gabitx prova in difesa sabiex tiggustifika dan in-nuqqas taghha.*

*Ghal dawn il-motivi l-Qorti;*

*Wara li rat l-Artikolu 338 (ll) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, Din il-Qorti qed issib lill-imsemmija imputata hatja u ghaldaqstant tikkundannaha ghal gimgha detenzjoni."*

*Li skond l-artikolu 382 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tal-Magistrati, meta taghti s-sentenza kontra l-imputat, ghandha tghid l-fatti li taghhom dan ikun gie misjub hati, taghti l-piena w ssemmi l-artikolu tal-Kodici Kriminali jew ta' kull ligi ohra li tkun tikkontempla r-reat; (sottolinear tal-Qorti)*

Illi skond gurisprudenza kostanti ta' din il-Qorti n-nuqqas li jigi rispettat strettament il-vot tal-ligi fl-artikolu 382 jimporta n-nullita' tas-sentenza appellata. Dan ghaliex dan-nuqqas jammonta ghal nuqqas ta' formalita' sostanzjali fis-sens tal-artikolu 428 (3) tal-Kodici Kriminali. F' kaz simili dan jintitola lil din il-Qorti li thassar is-sentenza appellata. (ara f' dan is-sens l-Appelli Kriminali : **"Il-Pulizija vs. Paul Cachia**" [25.9.2003] ; **"Il-Pulizija vs. Joseph Zahra**" [9.9.2002]; **"Il-Pulizija vs. Benjamin Muscat**" [10.7.2002 u 28.6.2002] **"Il-Pulizija vs. Donald Cilia**" [24.4.2002], "**Il-Pulizija vs. Mark Portanier**" [14.9.2004]; "**Il-Pulizija vs. John Axiaq et"** [19.5.2005] ; **"Il-Pulizija vs. Stefan Abela"** [2.2.2006] u ohrajn).

Illi ma hemmx dubju li s-sentenza traskritta w dattilografata w iffirmata mill-Magistrat sedenti Dr. Vella fuq kull pagna taghha (Fols. 23 sa 25 tal-process) tikkontjeni l-ingredjenti kollha mehtiega mill-ligi fl-artikolu 382 tal-Kap. 9. Fiha kemm id-dikjarazzjoni ta' htija tal-imputazzjoni riprodotta testwalment fil-bidu tas-sentenza, hemm il-piena w hemm indikat l-artikolu 338 (ll) li jikkontempla l-kontravvenzjoni relattiva.

B' dana kollu l-appellanti qed tilmenta li din it-traskrizzjoni ma tirriflettix dak li hemm fil-komparixxi a fol. 1. U li dak li hemm a fol. 1 huwa karenti.

Issa kif gja gie osservat dak li hemm fuq il-komparixxi jikkonsisti fil-formola ittimbrata u l-kliem gimgha detenzjoni bil-firma tal-magistrat. Mela l-ingredjent tal-piena indubbjament jezisti kif ukoll jezisti l-ingredjent tal-artikoli li tahthom instabet htija ghax dawn idhru in capo tal-istess komparixxi w l-Ewwel Qorti fil-formola ttimbrata tghid espressament : "*Rat l-artikoli indikati*" li fil-fatt huma indikati fl-istess komparixxi. Li forsi mhux dak car hu jekk il-formola ittimbrata tikkontjenix id-dikjarazzjoni ta' htija w cioe' tal-fatti li taghhom l-imputata kienet qed tinstab hatja.

Illi pero', hemm x' hemm fit-timbru in ezami, kif gie ritenut minn din il-Qorti diversament preseduta meta ddisponiet minn aggravju simili fl-Appell Kriminali **"Il-Pulizija vs. Albert Bezzina"** [25.7.1994] (per. V. De Gaetano J.):-

*"…. la l-Artikolu 377(1) u anqas l-Artikolu 382 ma jirrikjedu li s-sentenza tinkiteb mill-magistrat; dak li trid il-ligi hu li dak li <u>jghid</u> il-magistrat meta jaghti s-sentenza jigi registrat u riprodott fil-kopja tas-sentenza. Dak li hemm fuq il-komparixxi huma l-appunti tal-magistrat, mhux is-sentenza, u bejn dawk l-appunti u l-kopja ufficjali tas-sentenza ..ma hemmx kontradizzjonijiet . Ghalhekk dan l-aggravju qed jigi ukoll respint."*

Lanqas f' dan il-kaz ma hemm xi kontradizzjoni bejn dawk l-appunti li hemm fuq il-komparixxi (fol.1) u l-kopja ufficjali tas-sentenza (a fols. 23 sa 25) u ergo dan l-aggravju qed jigi similment respint.

Ikkonsidrat;

Illi dwar it-tieni aggravju dwar il-fatti tal-kaz, il-provi mismugha minn din il-Qorti jistghu jigu sintetizzati kif gej:-

<u>**Klaus Zinzer**</u>, missier it-tifel minuri, xehed li fil-prezent kien qed ikollu access ghat-tifel pero' bi sforz ghax ikunu

jridu jkunu prezenti zewg marixalli tal-Qorti w zewg *social workers*. It-tifel ghandu kwazi hames snin. Hu jkollu jigi mill-Germanja biex jara lill-ibnu w irid jivvjagga 500 kilometru mid-dar tieghu fil-Germanja sal-ajruport. Kien qed jigi darba fix-xahar biex jara lill-ibnu, skond kif ordnat mill-Qorti w skond lista ta' granet tal-imghoddi li esebixxa. Dak in-nhar tat-12 ta' Marzu, 2009, kienet harget lista gdida mill-Qorti tal-Familja li setghet tkun varjata w ma setax jesebixxi kopja taghha. Minn-nuqqas ta' access li gara fl-10 u l-11 ta' Settembru, 2008, 'l hawn kien hemm kaz iehor f' din il-forma estrema w dan kien f' Dicembru, 2008. Dan ghaliex kellhom ifittxu lit-tifel ma Malta kollha. F' Dicembru 2008, meta gie ma kienx instab it-tifel ghax wara sar jaf li ommu l-appellanti kienet il-Mosta. Umbaghad hu allura estenda l-vizita tieghu f' Malta u ra lit-tifel fit-2, fit-3 u fl-4 ta' Jannar, 2009 bl-ghajnuna tal-Pulizija tal-Vice Squad, marixxall u zewg social workers. Fit-2 ta' Jannar gew anki tat-television u fl-4 ta' Jannar kien hemm missier l-appellanti li kien qed jigri b' camera. Esebixxa, bil-permess tal-Qorti, ritratti ta' min kien hemm f' dawn l-okkazzjonijiet mehuda minnu stess. Ma kienx hu li sejjah lil tat-Television fuq il-post. Ghalkemm jibki kulltant it-tifel meta jkun ser jiehdu, meta jkun mieghu wahdu jkun kollox sew. It-tifel jghidlu li hu jkun ser jiehdu mieghu bl-ajruplan. Ma jafx min dahhallu f' rasu dan lit-tifel.

Hu kien gie Malta mill-4 sal-14 ta' Settembru, 2008, u fl-10 u l-11 ta' Settembru, 2008, ma nghatax access ghat-tifel. Meta l-Imhallef Cuschieri kien staqsa lill-appellanti fejn kienet f' dak il-periodu, qalet li kienet *camping* Ghawdex u li wara kienet marida imma hi kienet taf li hu kien gie Malta biex jara lit-tifel. Fix-xhur ta' qabel Settembru, 2008, kien gie Malta xi seba tmin darbiet biex jara lill-ibnu pero' rah biss darba; jidhirlu fit-13 ta' Mejju, 2008, ghal xi saghtejn. L-omm baqghet prezenti ghalkemm kellha titlaq suppost wara siegha. Hu kien imissu jara lill-ibnu fl-ahhar ta' Marzu w kien dispost li jigi ghas-seduta ta' din il-Qorti tas-26 ta' Marzu, 2009.

**<u>L-Appellanti</u>** xehdet li hi omm zewgt itfal u tiehu hsiebhom mill-ahjar li tista'. Hi ghandha background ta' *teaching* u taf kif tmur mat-tfal. Tillecterja fil-Fakolta' tal-

Edukazzjoni fejn tittrejnja t-*teachers* kif jiehdu hsieb it-tfal. It-tifel l-iehor ghandu ghaxar snin aktar minn dan il-minuri. Hi *single mother*. Hi ghandha d-dar taghha w ghandha *job* rispettabbli. Ma thallix it-tfal ma haddiehor ghax huma ghandhom bzonn lill-ommhom. Ma tqabbadx *childcare* sakemm ma jkunx assolutament mehtieg. Ghandha esperjenza ta' meta tfal jingarru minn post ghall-iehor u jinqabdu f' nofs kwistjonijiet tal-familja w socjali. Sfortunatement, issa l-istess tfal taghha qed jghaddu minn dawn il-problemi. Ghalhekk, meta twieled iz-zghir, ghamlet mill-ahjar, minkejja li r-relazzjoni ma Klaus Zinzer kienet intemmet. Kienet damet xi sena mieghu barra minn Malta w ftit taf dwar il-*background* tieghu. Kienet avvzat lil Zinzer meta kienet ser tghammed it-tifel u kellha *open house policy* li meta jrid seta' jigi jara lill-ibnu. Ghall-ewwel kien jigi kull erba xhur qiesu w kien jara t-tifel bla problemi. Dak iz-zmien kienet tmur tigbor lil Zinzer mill-airport u twasslu l-lukanda w tilqghu go darha.

Originarjament it-tifel kien gie registrat bhala *"father unknown".* Pero' llum Zinzer irrikonoxxa lit-tifel bhala ibnu b' Drigret tal-Qorti, wara li nbidlet il-ligi w seta' jaghmel ghalhekk wahdu, ghax hi ma xtaqitx li z-zewg uliedha jkollhom kunjom differenti specjalment minhabba l-iskola fejn kienu jmorru. Sal-lum pero' it-tifel ghadu jgib kunjomha.

Umbaghad Zinzer beda, wara kull vizita, jibghatilha SMS messages li ma kienx qed jara t-tifel bizzejjed u bdiet thossha "*harassed".* Bdiet thossha intimidata w anki nehhiet l-e-mail address taghha minnhabba dawn il-messaggi kontinwi. Kien joqghod jghodd il-minuti li jkun dam jara lill-ibnu w jghid li ma kienx qed jiehu pjacir b' dak li kien qed jara. Jaghmillha SMS kwarta qabelk ikollhom jiltaqghu; jfakkarha li mbidel il-hin ghas-*summer time*. Kien semma li ma jkollux problema li jiehu t-tifel il-Germanja w jrabbieh hu , anki meta kienet *pregnant* bit-tifel. Ghalhekk bdiet tibza' li ser johdilha lit-tifel mieghu. Hu *manipulative* hafna.

Kien wara l-10 u l-11 ta' Settembru, 2008, li skopriet u saret taf li Zinzer kien ghamel rikors biex ikollu access f'

dawn il-granet. Dar-rikors kien gie notifikat fl-Universita' meta kienu bil-vaganza w hi qatt ma ratu dar-rikors. Kienet iffirmat ir-rikors persuna li tahdem l-Universita' bhala *beadle*, kif jidher mill-*pink slip*. Dak iz-zmien hi kienet fil-Grand Hotel, Ghawdex kif jidher mill-*credit card payment slip* li hallset biha. Kienet maz-zewg uliedha hemm. Kienet ukoll mardet u spiccat l-Isptar t' Ghawdex. Ghalhekk hi ma kienet taf b' xejn ghax ma kienx avzaha qabel. Kif kien anki gara meta semma li gie xi seba darbiet qabel u ma rax it-tifel. Issa il-Qorti gaghlietu jaghti dati sew minn qabel.

F'Jannar u Frar, 2009 kellu access ghalkemm mhux bl-ahjar mod u dan hu ta' detriment ghat-tifel, ghax it-tifel kien qed jibza' w ma jkunx irid li hi titlaq minn hdejh. Ghalkemm tal-appogg qalulu lil Zinzer li t-tifel irid iz-zmien biex jidra joqghod wahdu mieghu, hu kien jippreferi li joqghod fl-ufficcju tal-appogg minghajr ma jara t-tifel u hi barra fir-*reception* bit-tifel. It-tifel jaghmel nofs siegha, siegha jibki w Zinzer ma jridx jaccetta l-prezenza taghha ghall-inqas ghall ftit hin sakemm it-tifel jikkalma. It-tifel issa induna b' dan l-atteggjament ta' missieru.

Murija r-ritratti ta' binha ma Zinzer mill-Qorti, l-appellanti qalet li ma setghetx taqbel li dawk ir-ritratti juri it-tifel rilassat ma missieru. Meta it-tifel jirraporta lura lilha jghidilha li kellu jilghab ma missieru ghax beza' mill-Pulizija prezenti. Tant li darba ghamel tahtu. Issa n-nies qed jghidulha li binha "*is regressing".* Qed jidher marid. Qiesu barra min fuqu ghandu cancer, b' cirki suwed taht ghajneh. Jibza' hafna. Hi qed taghmel mill-ahjar biex tipprotegieh. Ma tridux li binha jghaddi minn dan kollu.

Ikkonsidrat;

Ghalkemm il-kontravvenzjoni tirigwarda biss dak li gara fl-10 u 11 ta' Settembru, 2008, din il-Qorti tat liz-zewg partijiet l-opportunita' li jaghtu dettalji dwar ir-retroxena li wasslet ghal din is-sitwazzjoini ferm sfortunata, partikolarment ghall-minuri in kwistjoni. Jidher li issa dahlet doza qawwija ta' pika, biza' w suspetti reciproci bejn il-partijiet li qed jaghmlu hazin hafna lit-tifel. Din il-

Qorti pero' ghandha quddiemha biss ir-responsabilta' kriminali tal-appellanti ghan-nuqqas tal-access li rrizulta li sar fl-10 u 11 ta' Settembru. 2008

Illi hawn si tratta ta' reat ta' natura kontravvenzjonali, fejn apparti l-kommissjoni tal-att innifsu, l-prosekuzzjoni trid tipprova biss il-volontarjeta' tal-att.

Issa proprju fuq dan l-ahhar element qed tibbaza l-appell taghha l-appellanti w cioe' li peress li hi ma kienetx edotta la mir-rikors biex jigi varjat il-hin tal-access u lanqas mid-Digriet tal-Qorti tal-Familja li segwieh cioe' d-digriet numru 90/08 NC tal-5 ta' Settembru, 2008, ma setghetx titqies li agixxiet volontarjament.

L-appellanti xehdet li f' dawk il-granet kienet ghall-vaganza ma uliedha f' Ghawdex u r-rikors kien gie notifikat lil xi impjegat tal-Universita' fejn tahdem imma minn liema post tax-xoghol dak iz-zmien kienet bil-vaganzi. Xehdet ukoll li lanqas kienet taf bid-Digriet. F' dan l-appellanti ma gietx kontradetta minn xi provi kuntrarja. Ghalhekk, kuntrarjament ghal dak li rriteniet l-Ewwel Qorti - li quddiemha prezumibbilment kellha l-istess provi li issa ghandha din il-Qorti - ghall-inqas fuq bazi ta' probabbilta' w cioe' l-grad ta' prova rikjest minn kull imputat jekk irid jipprova xi haga, l-appellanti ppruvat li ma kienetx taf bir-rikors u digriet de quo. Ergo ma agixxietx fil-ksur tal-ligi ghax riedet.

Minghajr ma tidhol fuq l-operat tal-Qorti Civili, (Sezzjoni Familja), din il-Qorti tosserva li dik il-Qorti ordnat in-notifika tad-Digrieti tal-5 ta' Settembru, 2008, <u>biss</u> lir-rikorrent Zinzer, lill-Agenzija Appogg, lil Dr. Fiorella Demarco (Avukata tal-parte civile) u lil Dr. L. Schembri Orland, <u>imma mhux</u> lill-appellanti, li kienet l-aktar persuna interessata w involuta. (fols. 16 u 17). L-istess, fil-process ma hemm ebda prova li r-rikors tal-24 ta' Lulju, 2008 kien gie notifikat lill-appellanti. Kull ma hemm hu kopja tar-rikors (fol. 15 ) u ma hemmx ukoll ir-riferta tan-notifika pozittiva taghha jew kopja tal-istess. Umbaghad lanqas ingabet prova mill-prosekuzzjoni li l-ittra li suppost intbaghtet minn Dr. Fiorella Demarco lil Dr. L. Schembri

Orland fil-11 ta' Lulju, 2008 (Fol. 8 tal-process) kienet ingabet a konjizzjoni tal-appellanti.

F'dan l-istat tal-provi ghalhekk jonqos l-element tal-volontarjeta' mehtieg ghall-kommissjoni ta' kull kontravvenzjoni. Kwindi jigi li r-reat ma kienx pruvat sodisfacentement u l-appellanti kellha tigi liberata minn din l-imputazzjoni.

Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti qed tilqa' l-appell u tirrevoka s-sentenza appellata u tillibera lill-appellanti minn kull imputazzjoni w piena.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------